MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 678/2004

**Mobilse Communications Limited**

**vs**

**Karen Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm59.37) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 26682 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xahar ta' April 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru 2003 u bl-imghaxijet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm59.37), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 5 ta' Dicembru 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------